A.L. 12 ta' l-1991

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI
(ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

RO3 — L-Eżami tal-Matrikola: Regolamenti għall-1992

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28 u 29 ta' l-Att tal-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Pro-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 33 ta' dak l-Att.

Titolu fil-Qosor

Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu Regolamenti għall-1992 ta' l-Eżami tal-Matrikola:

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
Regolamenti għall-1992

1. **Ġenerali**

1.1 L-eżami tal-Matrikola jsir f'żewġ livelli: Livell Avanzat (AM) u Livell Intermedjarju (IM).

1.2 Hemm żewġ sessjonijiet ta' l-Eżami: l-Ewwel Sessjoni ssir f'Mejju/Ġunju/Lulju, u t-Tieni Sessjoni ssir f'Diċembru/Jannar.

1.3 Id-dispożizzjonijiet magħmulin għall-Eżamijiet ta' l-Università, sakemm ma jonqsux li jaqblu ma' dawn ir-Regolamenti, igħoddu għall-Eżami tal-Matrikola.

2. **Is-Suġġetti ta' l-Eżami**

2.1 Fl-Ewwel Sessjoni (Mejju/Ġunju/Lulju 1992) is-suġġetti jkun dawn:

(i) fil-Livell Avanzat (AM): il-Malti, l-Għarbi, il-Franċiż, it-Taljan, il-Latin, l-Istorja, il-Filosofija, l-Ekonomija, it-Tagħlim Reliġjuż; u

(ii) fil-Livell Intermedjarju (IM): Oqsma ta' l-Għerf.

2.2 Fit-Tieni Sessjoni (Diċembru 1992/Jannar 1993) is-suġġetti jkunu dawn:

(i) fil-Livell Avanzat (AM): il-Malti, l-Ingliż, l-Għarbi, il-Franċiż, it-Taljan, il-Grieg, il-Latin, l-Istorja, il-Filosofija, l-Ekonomija, il-Matematika, *Further Mathematics*, il-Matematika Pura, il-Bijoloġija, il-Kimika, il-Fiżika, it-Tagħlim Reliġjuż; u

(ii) fil-Livell Intermedjarju (IM): Oqsma ta' l-Għerf.

3. **L-Għażla tas-Suġġetti**

3.1 Kandidat ma jistax joqgħod għal eżami f'suġġett f'aktar minn livell wieħed fl-istess sessjoni.

3.2 Kandidat ma jistax joqgħod għal aktar minn erba' suġġetti fil-Livell Avanzat (AM) fl-istess sessjoni.

4. **Ir-Riżultati**

4.1 (a) Ir-riżultati ta' l-eżamijiet fil-Livell Avanzat (AM) juru l-gradi miksuba minn kull kandidat fis-suġett jew fis-suġġetti meħuda. Il-gradi ta' min igħaddi huma A, B, Ċ, D u E. A huwa l-ogħla grad u E l-aktar wieħed baxx.

(b) Il-grad ta' min jeħel jidher bħala F.

(ċ) Il-kandidat li jeħel mill-eżami f'xi suġġett fil-Livell Avanzat (AM) iżda li l-Bord ta' l-Eżaminaturi ta' dak is-suġġett iqis li laħaq għall-inqas il-livell meħtieġ ta' grad 5 fl-Eżami għaċ-Ċertifikat ta' l-Edukazzjoni Sekondarja, jingħata l-grad P.

4.2 (a) Ir-riżultati ta' l-eżami fil-Livell Intermedjarju (IM) juru l-grad miksub minn kull kandidat. Il-gradi ta' min igħaddi huma A, B, Ċ, D u E; A huwa l-ogħla grad u E l-aktar wieħed baxx.

(b) Ir-riżultati tal-kandidati li ma jiksbux għall-inqas grad E ma jingħatawx klassifika.

5. **Id-Dati ta' l-Eżamijiet**

5.1 L-orarji għall-Ewwel u għat-Tieni Sessjoni jkunu ppublikati fuq l-avviżiera ta' l-Università u fil-Gazzetta tal-Gvern qabel l-aħħar ta' Marzu u l-aħħar ta' Ottubru rispettivament.

5.2 L-Ewwel Sessjoni tista' tibda matul l-aħħar ġimgħatejn ta' Mejju. It-Tieni Sessjoni tista' tibda f'xi jum f'Diċembru.

6. **Ir-Reġistrazzjoni**

6.1 L-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni, fuq il-formoli proprji u bil-ħlas meħtieġ, iridu jsiru sa dawn id-dati:

Għall-Ewwel Sessjoni: il-Ġimgħa, 20 ta' Marzu, 1992.
Għat-Tieni Sessjoni: il-Ġimgħa, 9 ta' Ottubru, 1992.

6.2 (a) Applikazzjonijiet ippreżentati wara d-dati ta' l-għluq iżda qabel it-Tnejn, 30 ta' Marzu u t-Tnejn, 19 ta' Ottubru għall-Ewwel u għat-Tieni Sessjoni rispettivament, jintlaqgħu jekk jitħallas il-ħlas żejjed ta' Lm1.50;

(b) Ir-Reġistratur jista' jilqa' applikazzjonijiet wara dawn id-dati skond statuti u regolamenti li jkunu jgħoddu f'dak iż-żmien.

6.3 Tibdil fil-formola tar-reġistrazzjoni jista' jsir biss mill-kandidat bl-istess kundizzjonijiet u bil-ħlasijiet żejda li jgħoddu għal reġistrazzjoni li tidħol tard.

7. **Iċ-Ċertifikati**

7.1 Ċertifikat jinħareġ lil kull kandidat li għallinqas igħaddi minn suġġett wieħed. Iċ-ċertifikat juri l-grad miksub f'kull suġġett li jgħaddi minnu.